*Din il-kitba nqrat mill-awtriċi stess waqt iċ-ċerimonja mtellgħa mill-Kunsill Lokali tal-Mosta b'tifkira tal-Vittmi tal-Gwerra nhar il-Ħadd, 17 ta' Novembru 2002, f'riġlejn il-monument iddedikat lill-Qalbiena Mostin. Għalhekk nirringrazzjaw lis-sinjura Maria Vella talli għoġobha tgħaddihulna biex nipppubblikawh.*

# Tislima lill-Mostin li mietu fil-gwerra



*minn Maria VELLA*

**Illum** is-17 ta' Novembru nġbarna hawn madwar dan il-monument biex naghtu t-tislima tagħna lil dawn ħutna Mostin li mietu fil-gwerra, dawk li mietu waqt il-ġlied bl-azzarin f'idejhom, dawk li mietu mgħaffġa taħt il-ġebel u l-oħrajn li mietu bil-bombi li splodew ma ġenbhom. Isem dawn huma mnaqqxa fuq dan il-monument biex ma jintesewx. Għaxra minn dawn l-ismijiet huma ta' familjari tiegħi.

Peress li parti minn tfuliti għaddejtha fil-gwerra, talbuni biex illum ngħid ftit mill-memorji tiegħi, il-ħajja kif ghextha, bil-biża', bil-praspar u bit-trabil kollu li tagħti l-ħajja tat-tfal. Qabel il-gwerra, il-Mosta kien raħal żgħir imdawwar bl-għelieqi ddominat minn knisja kbira. It-triq prinċipali kienet u għadha Triq il-Kungress. Jien kont noqgħod hemm għalhekk il-ħajja tiegħi qatt ma kienet monotona u forsi għalhekk drajt nieħu parti f'ħafna okkażjonijiet. Minn sena sa sena konna nistennew il-festa ta' Santa Marija biex niddevertu xi ftit u nieklu xi ġelat għaliex friġis ma kellniex. Iżda anke dan il-ftit gost telaq meta kelli disa' snin.

Din il-ħajja kwieta tliftha meta fl-10 ta' Ġunju 1940 kif kont ħierġa mid-dar fis-sebgħa ta' fil-għodu għall-Quddies rajt ġar tagħna mbeżżgħa nieżel mit-triq jgħajjat: "l-Italja daħlet fil-gwerra, l-Italja daħlet fil-gwerra". F'qalbi għidt: b'daqshekk, għalfejn dan il-biża'? Fil-bogħod smajt xi sparar u rajt xi daħna, iżda jien ħsibt li kienu xi murtali ta' xi festa.

Il-gwerra malajr sirt naf x'issarraf għaliex matul il-ġurnata rajt serbut twil ta' karrettuni miġbudin minn żwiemel jew ħmir mgħobbijin sa snienhom bl-għamara u oġġetti oħra. Dawn ħarbu mill-belt tagħhom u ġew il-Mosta jfittxu xi post vojt fejn joqgħodu, 'il bogħod mill-periklu. Kull post vojt li kien jinsab fil-Mosta nkera u ħafna refuġjati oħra sabu kenn fl-oratorji tas-subien jew tal-bniet, fil-każini, ma' familji u anke f'xi garaxxijiet.

Il-klassijiet tagħna bdew jiżdiedu bi tfal tal-Kottonera. Dawn ġabu magħhom ideat u manjieri ġodda. Aħna t-tfal Mostin malajr integrajna magħhom u għinnihom kemm stajna b'kotba u pitazzi. Dan kien żmien ta' gwerra, għalhekk beda l-kerfju. Intefa' d-dawl fit-toroq u d-dlam kont tista' taqtgħu b'sikkina. Allaħares xi pulizija kien ikun għaddej u jara xi dawl minn xi bieb imbexxaq għaliex kien jiġi jiġri jħabbatlek u jgħidlek biex titfi. Kull ħġieġa kienet tkun miksija bil-karti kannella biex kemm jista' jkun minn barra ma tidhirx ix-xemgħa tnemnem ġewwa. Id-dawl ta' qamar kien l'ħena tagħna t-tfal għaliex konna nistgħu noqogħdu nilgħabu u niġru barra.

Episodju li għadni niftakar u li għadu jġibli tbissima kien meta darba ridna nilgħabu tal-vijatku. Għalhekk sibna żewġ qarabagħlijiet kbar, ħaffirnihom u għamilna xemgħa fihom. Lestejna bandiera tal-karti ma' lasta, ġibna umbrella u x'ħin dalam bdejna din l-imbierka purċissjoni, inkantaw it-ton tat-tedew (*te deum*), iżda povri kliem bil-latin! Xegħlna x-xemgħa u bdejna mexjin fit-triq. Dak iż-żmien meta kien jgħaddi l-vijatku fit-toroq fid-dlam, in-nies kienu joħorġu l-lampi mixgħulin fuq l-għatba ta' barra. Għalhekk meta waħda anzjana semgħetna ġejjin, miskina ħarġet il-lampa tixgħel u meta rat li konna aħna t-tfal tgħidx kemm għajtet. U aħna, addio purċissjoni, addio x-xemgħa, l-umbrella u l-kant, għax tgħidx kemm ġrejna u domna ma nersqu lejn dik it-triq!

Waqt il-kerfju, wara ċertu ħin ħadd ma kien jista' jmur fejn irid, u l-pulizija kellha d-dritt li twaqqfek u anke tarrestak. Iżda aħna t-tfal konna niksru l-liġi xi kultant għaliex konna nduru xi dawra mal-blokk nilgħabu noli. Il-pulizija kienu jgħalqu għajnejhom għalina.

Fil-bidu tal-gwerra xelters ma kellniex u niftakar li għall-ewwel il-ġenituri tiegħi bnew kamra ġo kamra isfel bħala xelter. Is-saqaf ta' din il-kamra kien miksi bi xkejjer mimlijin bit-tiben. Meta kienet iddoqq is-sirena konna nidħlu ġo fiha, iżda meta l-attakki ħraxu u bdew jersqu lejn il-Mosta, bdejna ninżlu fix-xelter taħt l-art. Konna qisna fniek. Iżda minħabba li ma kienx hawn xelters biżżejjed, in-nies kienet tuża l-kannierja jew il-knisja waqt l-attakki mill-ajru.

L-ewwel bombi li ġew il-Mosta waqgħu fil-pjazza ta' quddiem l-Oratorju Qalb ta' Ġesù. Hemm mietu ħafna nies. Ta' tfal li konna b'ġirja waħda morna naraw x'ġara. Xena tal-biża', xena li ma tistax tinsiha. Nies mejta minxurin ma' l-art, b'waħda mara rasha maqtugħa, nies

midruba jokorbu, biċċiet ta' xrapnels imwaħħlin mal-ħitan u dmija ma' kullimkien.

Xi tlett ġimgħat wara waqgħu żewġ bombi oħra. Dawn ġew fuq żewġ familji, familjari tiegħi. Dakinhar jien kont xortija tajba għaliex ftit minuti qabel kont qed ngħin lill-kuġina t'ommi mat-tifla tagħha tirranġa s-suf tan-nitting li kellu jitqassam bir-raxin l-għada fil-għodu. Kienet diġà daqqet is-sirena iżda aħna bqajna nirranġaw il-kobob tas-suf sakemm lestejna. Dak il-ħin beda jinstema' l-ħsejjes ta' ajruplan u jien u t-tifla ħriġna għax-xelter. Hi qasmet it-triq biex tmur fix-xelter tan-nanna tagħna u jien mort fix-xelter tal-familja li kienet toqgħod fejn illum hemm il-klabb tal-futbol. Iżda dak il-ħin niżlu żewġ bombi *direct hit* fuq iż-żewġt idjar tagħhom. Dak il-ħin jien kont ninsab fil-bokka tax-xelter b'tifla ta' sentejn fuq driegħi u l-blast imbuttani għal isfel u gerbibni it-taraġ. Jien u t-tifla ma ġralna xejn iżda kuġinti sabet il-mewt mirduma taħt it-terrapien tad-dar tan-nanna.

Kif tlajt mix-xelter sibt straġi oħra. Quddiemi rajt id-dar ta' fejn kont fix-xelter, imwaqqa'. It-tfajliet tal-familja kienu jiġru u jwerżqu jsejjħu lil xulxin biex jaraw hux kulħadd għadu ħaj. Hekk kif ersaqt sewwa lejn id-dar rajt lil missieri jipprova jaqla lil waħda mit-tfajliet li kienet nofsha mirduma. Kienu xortihom tajba għaliex ħadd ma korra minnhom, anke l-qattusa tagħhom ħarġet ħajja wara tlett ijiem!

Dan iż-żmien l-għaks beda dieħel sewwa u kollox kien bir-raxin. Il-ħobż u l-pitrolju kienu skarsi. Biex tixtri l-pitrolju kont trid toqgħod fil-kju wara serbut ta' tfal kollha bil-landi f'idejhom wara karrettun b'tank mimli pitrolju miġbud minn xi ħmar. Ħadd ma kien jaqbeż lil ħadd għax kien iqum pandemonju. Xi kultant wara li tkun ilek hemm tistenna xi bulli kien jipprova jeħodlok il-landa bil-pitrolju b'kollox. Hemm kienet tinqala' ġlieda kif tmiss. Il-pitrolju għalina kien iservi għal-lampi għaliex ommi kienet issajjar fuq il-kenur bil-biċċiet tal-ħatab li konna niġbru. Il-gost tagħna kien li nieħdu xi patata u nsajruha qalb il-ġamar, kienet tinżel għasel meta konna mmorru f'xi rokna nikluha. Il-kenur konna npoġġuh bejn il-bibien biex ma noqogħdux inrewwħulu biex ma jintefiex u jiffrankalna x-xogħol.

Fis-sena 1942 niżlu ħafna bombi fuq il-Mosta u mietu ħafna nies, iżda l-iżjed data mfakkra hi dik tad-9 t'April. Dakinhar kien il-Ħamis, il-ġurnata meta kienet issir is-siegħa ta' l-Adorazzjoni quddiem Ġesù espost. X'ħin kont sejra l-knisja daqqet is-sirena, attakk mill-ajru ieħor. F'salt wieħed l-ajruplani kienu fuqna, jien kont f'nofs it-triq u dak il-ħin dawwart ir-rotta u tlaqt niġri lejn ix-xelter tagħna. F'daqqa waħda smajna xi splużjonijiet iżda ma kienux qawwija. X'ħin rajt li ma kien jinħass xejn ħriġt nittawwal mill-bieb ta' barra u rajt ħafna nies jiġru 'l hawn u 'l hinn fuq iz-zuntier. B'ġirja waħda sibt ruħi ħdejn il-knisja u hemm rajt irġiel u nisa b'wiċċhom miksi bit-trab jibku għax ħasbu li waqgħet il-knisja. Il-*bomb disposal unit* iddifjużjaw il-bomba u ħarġuha 'l barra. Din kienet tant tqila li gerbuha t-taraġ, għabbewha fuq trakk u telqu biha. Meta kienu qed igerbuha kissru biċċa mit-tlett tarġiet tat-taraġ ta' fuq. Dawn għadhom jidhru msewwija sa llum.



*It-toqba fir-Rotunda li saret minn bomba Ġermaniża li niffdet il-koppla fid-9 ta' April 1942.*

Ħafna mil-logħob tagħna kien tal-gwerra. Ħaffirna żewġ gandotti in-naħa ta' Sqaq Xorxa, u konna nitfgħu l-ġebel lejn xulxin. S'intendi ridna nipproteġu rasna, u allura konna nilbsu xi landa tal-kunserva, jew xi borma mtaqqba li ommna ma kinitx tista' ssewwi għax ma kienx baqa' landiera fit-toroq. Dawn kienu l-*helmets* tagħna! Miskin hu min ikun għaddej fit-triq waqt il-battalja għaliex kien idabbarha. Sfortunatament jien qlajt daqqa ta' ġebla u qasmuli rasi.



*Il-grupp tal-bomb disposal unit tal-bomba Ġermaniża wara li ddifjużjawha. Ir-ritratt jenfasizza l-kobor tal-bomba li niffdet il-koppla tar-Rotunda.*
*(ritratti: Jos. A. Vella FRPS, EFIAP, ESFIAP)*

Aħna bqajna nattendu l-iskola għalkemm ħafna mill-ħin konna nkunu fix-xelter ta' ħdejn Santa Marija. Fi żmieni l-bniet u s-subien kienu maqsumin f'żewġ skejjel. Dik tas-subien, li llum issemmiet għal E. B. Vella, u dik tal-bniet, li ssemmiet għal Carmela Sammut, li kienet il-kap ta' l-iskola fi tfuliti.

L-iskola tas-subien mill-ewwel ittieħdet minn ta' l-A.R.P. Hemm kienet tingħata l-ewwel għajnuna lil dawk li kienu jindarbu waqt xi attakk mill-ajru. L-iskola tal-bniet bdiet isservi għas-subien u għall-bniet sa ma din waqgħet ukoll u bdejna mmorru fid-djar ta' l-għalliema li kellhom ix-xelter id-dar. Wasal iż-żmien biex immorru fl-iskola sekondarja. Waqt l-eżami daqqet is-sirena, attakk mill-ajru ieħor, iżda aħna bqajna fejn konna nkomplu l-eżami.

Mill-klassi tiegħi għaddejna ħamsa u bdejna nattendu

l-iskola sekondarja f'Ħal Lija. Drapp blu għall-uniformi ma sibniex nixtru, għalhekk oħti l-kbira rranġatli libsa minn tagħha. Ommi għamlitli żarbun tal-ġild għand skarpan biex kont nista' mmur pulita, altrimenti kien ikolli mmur b'sandli li konna nagħmlu aħna tal-ħabel.

L-iskola kienet f'dar maġenb San Anton. Ħafna drabi f'nofsinhar konna noħorġu ma' dawk it-tfal li kienu joqogħdu Ħal Balzan u Ħal Lija u mmorru San Anton induru dawra fil-ġnien. Darba fettlilna naqtgħu ftit larinġ minn dan l-imbierek ġnien u l-pulizija li kien għassa ġie jiġri warajna, iżda aħna konna eħfef minnu, dħalna l-iskola u sakkarna l-bieb u morna fil-klassi qisu ma ġara xejn. Meta l-pulizija ġie biex ikun jaf min kienu t-tfal, il-kap ta' l-iskola ma ħallietux jidħol u aħna ħlisniha ħafif. Dak iż-żmien trasport ma kellniex u allura konna mmorru bil-mixi jew fuq xi skammil tas-suldati biex niffrankaw biċċa mit-triq. Konna nirkbu ma xhiex insibu, anke fuq ħmar, imbasta naqtgħu saqajna mill-art.

Darba waqt li konna nirritornaw lura lejn id-dar x'ħin wasalna maġenb il-grawnd tal-futbol ġejna immaxingjati, is-suldati li kienu fuq il-kanun tal-bufors li kien fil-grawnd bdew jgħajtu biex nistkennu, ma kienx hemm fejn u għalhekk kellna nintefgħu fl-art taħt il-ħajt tas-sejjieħ biex ma joqtolniex. Ftit wara dan l-episodju waqa' ajruplan Ġermaniż fi Triq Callus fuq id-dar fejn kien joqgħod il-Monsinjur Galea.

Hemm rajna ż-żewġ piloti jinħarqu ma' l-ajruplan iżda malajr tlaqna niġru għaliex f'salt wieħed bdejna nisimgħu l-ħoss tal-maxingan u bdejna naraw balal itiru. Ta' tfal li konna ħsibna li kienu qegħdin jisparawlna l-piloti. X'ħin ġew is-suldati evakwaw lil kulħadd, għax beżgħu li seta' jisplodi u jtajjar kull m'hemm.

Din il-ħabta kien ġie Malta r-Re Ġorġ VI. Dan kellu jgħaddi mill-Mosta għalhekk kulħadd inġabar fil-pjazza biex jilqa' lir-re. Il-pulizija firdu in-nies biex ir-re jgħaddi min-nofs, iżda wara li domna ħafna nistennew ilmaħna ġej kelb u warajh ħmar xiħ għakka b'sidu ixjeħ minnu riekeb fuq il-karrettun. In-nies bdiet iċċapċap, tgħajjat u tidħak. Il-povru raġel li kien fuq il-ħmar baqa' skantat, iżda wara ftit deher il-veru re u għadda fost ħafna ċapċip u d-daqq tal-qniepen.

Wara li ġie r-re Malta, il-Maltin ġew mogħtija l-*George Cross*. Dak iż-żmien ma stajniex immorru l-Belt biex naraw iċ-ċerimonja ta' l-għoti tal-*George Cross* minn Lord Gort minħabba l-attakki mill-ajru u l-karozzi tal-linja ma kienux fuq it-triq għax it-petrol kien jintuża għall-karozzi tal-militar. Konna nafu x'sar l-Belt għaliex l-aħbarijiet kienu mogħtija minn fuq il-lawdspiker li kien hemm f'misraħ ir-Rotunda u mill-gazzetta '*Young Malta*' li kienet toħroġ bil-Malti u bl-Ingliż.

Din il-ħabta biex itaffu xi ftit mill-ġuħ infetħu l-*Victory Kitchens*, u kulmin kien ried jibda jieħu l-ikel minn dawn il-kċejjen kien ikollu jħallas għal kull porzjon li jieħu kull ġimgħa u għal kull porzjon kien ikollu biljett. Għalina t-tfal kienet tkun xalata mmorru nġibu dak li toffri l-kċina. Meta konna ndumu nistennew wara l-bieb konna nibdew inkantaw "Telgħala ma' daħarha, niżlilha ma' xagħarha tal-*victory kitchen*" u ntambru kemm nifilħu fuq ir-reċipjent li jkollna f'idejna. Dan il-briju kien jibqa' sejjer sa ma jinfetaħ il-bieb u bil-kwiet kollu kull wieħed kutu, kutu, jidħol jieħu sehmu u jlebbet lejn id-dar biex jiekol il-ftit li jmissu.

Kollox kien skars u l-ftit li kont tista' tixtri kien bir-raxin. Il-ħobż ħafna drabi kien ikun ismar, dan kien ikun imħallat bil-patata u kien ikun tqil li kien iweġġagħlek l-istonku, iżda kien ikollok tieklu sa l-inqas farka għax kont tibqa' bil-ġuħ. Ħafna drabi xi suldati Ngliżi li kienu jitilfu l-ikla tagħhom kienu jħabbtu għand xi dar u jitolbu biċċa ħobż billi jużaw il-kliem li tgħallmu bil-Malti: "Ma, tini biċċa ħobż".

Ir-raxin tal-ħobż kien fqir għaliex għal kull raġel kien illawdjat nofs artal ħobż (qisu daqs 500 gramma, u għan-nisa u t-tfal kwart ħobż (qisu xi 250 gramma). Bil-*black market* ħobża ta' ratal (daqs kilo) kienet tqum Lira Maltija jew iżjed! Fl-iskola l-biċċa ħobż li konna nieħdu magħna konna nħalluha fil-basket għaliex meta konna nħalluha taħt il-bank ma konniex insibuha, tgħosfor ġo żaqq xi ħadd. Fil-gwerra n-nies kollha kellhom figura tajba għax kienu fuq id-dieta!

Grazzi 'l Alla u l-ħsieb għaqli ta' ommi ma tantx batejna ġuħ aħna, għaliex kellna żewġ kmamar wara d-dar u hemm ommi rabbiet nofs tużżana tiġieġ għal xi bajda u ftit fniek għal-laħam. Darba ommi qatlet fenek u dendlitu fil-bir biex ma jintenx, iżda jien mort intella' l-ilma mill-bir biex ninħasel u miskin ta' fenek ħa doċċa qabli. X'ħin indunajt ippruvajt insewwi s-sitwazzjoni. Ġibt sarvetta u xxuttajtu kif stajt.

L-għada x'ħin issajjar kulħadd lagħqu u ġieħ tajjeb. Għall-ħalib xtrajna ħarufa u meta kibret konna neħduha tirgħa fl-għelieqi. Din damet għandna sa wara l-gwerra. L-annimali kollha li kellna konna nitimgħuhom mill-ħaxix selvaġġ ta' l-għelieqi ta' madwar il-Mosta.

Meta l-Ġermaniżi tilfu l-artijiet fl-Afrika ta' fuq, aħna ħadna r-ruħ għaliex l-attakki mill-ajru bdew jonqsu, u wara ftit taż-żmien spiċċaw fix-xejn. Il-Ġermaniżi telqu minn Sqallija u aħna stajna nerġgħu nibdew ngħixu ħajja normali, norqdu fis-sodda tad-dar, u mhux iżjed fix-xelter fuq xi saqqu fl-art.

Dak iż-żmien ġie Malta parti mill-kontinent ta' l-*Eight Army*, li kien hemm fl-Afrika ta' fuq. Dawn is-suldati ġew Malta biex jistrieħu qabel ma jinvadu Sqallija. Fit-tluq tagħhom waqt li kienu għaddejjin fuq it-trakkijiet mit-triq prinċipali ta' quddiem il-knisja, in-nies ħarġu bi ħġarhom biex isellmulhom u jixtiqulhom il-vittorja.

Fl-aħħar, il-vittorja ġiet u l-ferħ kien jidher fuq wiċċ kulħadd. It-toroq iżżejnu bil-bnadar mdendlin mill-gallariji u għamlu festi bil-banda ddoqq fit-toroq u ż-żgħażagħ jiżfnu fit-triq.

Nixtieq nieqaf hawn għaliex kieku kelli nikteb ma' kemm avventura ltqajt f'dawk is-sitt snin tal-gwerra ma nispiċċa qatt. Ħsieb żgħir. Għaddew ħafna snin wara l-gwerra u xagħri bjad, iżda l-episodji li għaddejt minnhom ma ninsihom qatt. Nispera li ma ddejjaqtux tisimgħu l-praspar ta' tfuliti fi żmien il-gwerra.